# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 54**

**Citaz. Nru. 1866/00 GV**

Doc. 251-02

**Saviour u Maria konjugi Borg**

**Vs**

**Joseph Scalpello**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru sebgha u erghin (47), maghruf bl-isem "*Sam's Salon*" , Triq Nazju Ellul, Gzira, filwaqt li l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond numru hamsa u erbghin (45), Triq Nazju Ellul, Gzira, u li huwa aggjacenti ghal dak ta' l-atturi;

Premess illi fil-proprjeta' tal-konvenut infethet tieqa li taghti gewwa xaft proprjeta' ta' l-atturi;

Premess illi tali agir jista' jikkreja servitu bit-trapass taz-zmien ghas-skapitu ta' l-atturi;

Premess illi l-konvenut debitament interpellat sabiex jaghlaq l-imsemmija tieqa baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 Tiddikjara li t-tieqa li nfethet gewwa l-fond numru sitta u erbghin (46), Triq Nazju Ellul, Gzira, u li taghti ghal gewwa x-xaft proprjeta’ tal-atturi, saret minghajr ebda jedd u hija abbuziva u leziva fil-konfront ta’ l-atturi.

2 Tordna lill-konvenut sabiex jirripristina kollox fl-istat originali tieghu billi jaghlaq l-imsemmija tieqa, fi zmien qasir u perentorju kif tistabilixx din il-Qorti.

3 Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghlqu t-tieq in kwistjoni ghas-spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta’ Awissu, 2000 u tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Awissu, 2000, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

Illi hu ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu ma hux is-sid tal-fond 45, Triq Nazju Ellul, Gzira. Ghalhekk ukoll ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-istanti.

Sekondarjament, u ghar-ragunijiet fuq esposti, l-eccipjenti m’ghandu jbati l-ebda spejjez ta’ dawn il-proceduri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq It-talba ta' l-atturi ghall korrezzjoni fl-isem tal-konvenut.

Skond l-artikolu 175 tal-Kodici ta' Procedura Civili l-Qorti tista' tordna s-sostituzzjoniji jew tibdil fl-iskritturi billi zzied jew tnehhi l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor minfloku, jew jissewwa zball fil-kwalita' li fiha jidhru jew jissewwa kull zball iehor, sakemm is-sostituzzjoni jew tibdil ma jibdilx is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza.

Il-ligi trid tissalvagwarda l-legittimita' tal-persuna li tkun parti fil-kawza - u tippermetti eccezzjonijiet fuq daqshekk u mhux fuq zbalji fil-kliem ta' l-isem u l-kunjom tal persuna li hija legittimament in kawza u kjarament identifikata (App Civili C. Bigeni et vs A. Cefai et - Vol LXXV1 p 216).

Fil-kaz in ezami mill-verbal tal-25 ta' Marzu, 2002 jidher car li t-talba ta' l-atturi hija biex issir korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li l-isem tal-konvenut Joseph Scalpello jigi sostitwit bl-isem Rosario maghruf bhala Ronnie, dana pero' mhux ghax sar zball fl-isem tal-konvenut imma billi mill-provi prodotti jirrizulta li Joseph Scalpello mhux il-proprjetarju tal-post fejn infethet it-tieqa li minnha l-atturi qed jilmentaw, imma t-tifel tieghu Rosario maghruf bhala Ronnie.

Ghalhekk it-talba tal-atturi ghall korrezzjoni hija wahda intiza biex jigi sostitwit konvenut b'iehor.

Din hija l-eccezzjoni tal-konvenut fejn huwa qed jghid li ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu ma hux is-sid tal-fond 45, Triq Nazju Ellul, Gzira u ghalhekk ukoll ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnu u l-atturi.

Hi regola accettata mill-Qrati taghna li l-korrezzjoni m'ghandiex tintuza biex jiddahhlu fil-kawza persuni biex jissostitwixxu lill min ma jkunx missu qatt gie mharrek jew li gie mharrek hazin.

Illi l-korrezzjoni taht l-artikolu 175 tal-Kap 12 hija permessa basta dina ma taffettwax il-mertu tal-kawza jew l-eccezzjonijiet riflettenti l-mertu.

Illi fil-kaz in ezami fil-fehma tal-Qorti l-korrezzjoni mitluba taffettwa l-mertu ta' l-azzjoni kif ukoll taffettwa l-eccezzjoni. Il-mertu tal-azzjoni mhux biss li nfethet tieqa, izda li dina nfethet mill-konvenut, u dana fil-proprjeta' tieghu, meta l-proprjeta' mhiex tieghu, u t-tieqa ma nfethitx minnu - il-konvenut qed jghid li t-tieqa kienet hemm meta t-tifel tieghu xtara l-post. Jekk tinghata l-korrezzjoni mitluba jkun qed jinbidel il-mertu tal-azzjoni billi jsir illi persuna ohra - estranea ghall-kawza prezenti - kienet il-proprjetarja tal-post u fethet it-tieqa. Il-korrezzjoni mitluba taffettwa wkoll l-eccezzjoni tal-konvenut li hija appuntu li hu mhux is-sid tal-post in kwistjoni.

Ghalhekk billi t-talba ghall korrezzjoni mhiex semplici korrezzjoni ta' isem zbaljat, jew ta' xi kwalita' fil-personalita' tal konvenut, imma sostituzzjoni ta' persuna ghall ohra, it-talba qed tigi michuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-atturi ghall korrezzjoni mituba, spejjez riservati ghad decizjoni finali, u tiddifferixxi l-

kawza biex l-atturi jirregolaw ruhhom kif ser jipprocedu ghad-9 ta' Ottubru, 2002, fid-9.15 a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**